

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni 23 ta' April 2013 — Apollo Tyres vs UASI — Endurance Technologies (ENDURACE)**

(Kawża T-109/11) <sup>(1)</sup>

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali ENDURANCE — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti ENDURANCE — Raġunijiet relativi għal rifiut — Xebh tal-prodotti u tas-servizzi — Xebh tas-sinjal — Rifiut parżjali ta’ regiestrazzjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Probabbiltà ta’ konfużjoni”)

(2013/C 156/72)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Apollo Tyres AG (Baden, l-Isvizzera) (rappreżentant: S. Szilvasi, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguial, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Endurance Technologies Pvt Ltd (Aurangabad, l-Indja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tal-25 ta' Novembru 2010 (Każ R 625/2010-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Endurance Technologies Pvt Ltd u Apollo Tyres AG.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Apollo Tyres AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 130, 30.04.2011.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-17 ta' April 2013 — TCMFG vs Il-Kunsill**

(Kawża T-404/11) <sup>(1)</sup>

(“Politika Barranija u ta’ Sigurtà Komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran bl-għan li tiġi prekluża l-proliferazzjoni nukleari — Ifriżar ta’ fondi — Obbligu ta’ motivazzjoni — Żball manifest ta’ evalwazzjoni”)

(2013/C 156/73)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Turbo Compressor Manufacturer (TCMFG) (Teheran, l-Iran) (rappreżentant: K. Kleinschmidt, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bishop u J.-P. Hix, aġġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Erlbacher u T. Scharf, aġġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/299/PESK, tat-23 ta' Mejju 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 136, p. 65), sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/299/PESK, tat-23 ta' Mejju 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran, hija annullata, sa fejn tikkonċerna lil Turbo Compressor Manufacturer (TCMFG).

(2) L-effetti tad-Deċiżjoni 2011/299, sa fejn tikkonċerna lil TCMFG, jinżammu matul perijodu li ma jistax jaqbex xahrejn u għaxart ijjem minn mid-data li fiha tingħata din is-sentenza.

(3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbatis, minbarra l-ispejjeż tiegħi, l-ispejjeż sostnati minn TCMFG.

(4) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatil l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 290, 01.10.2011.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-19 ta' April 2013 — Luna vs UASI — Asteris (Al bustan)**

(Kawża T-454/11) <sup>(1)</sup>

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva Al bustan — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti ALBUSTAN — Użu ġewin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 57(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2013/C 156/74)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Luna International Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: S. Malynicz, barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġġent)